# Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. R3/10

**Minuti tal-tielet laqgħa li saret il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fit-3.30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Paul Buttiġieġ (Viċi-President), l-membri David Apap, Joe Grima, Andrew Vella, Philip Vella, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Miriam Portelli, Joe Cordina, Dr. Monica Vella, Carmelo Saliba u Ian Paul Bajada Segretarju Eżekuttiv.

Intqalgħet it-talba. Peress li l-minuti ntbagħtu mal-aġenda, il-Minuti tal-laqgħa ta' 1 ta' Settembru ttieħdu bħala moqrija bi qbil unanimu minn dawk preżenti wara illi ntalbet korrezzjoni mis-Sur Carmelo Saliba fuq para. 5.01 fejn 'Dott. Samuel Azzopardi' għandha tiġi emendata 'Dott. Samuel Azzopardi, President tar-Reġjun'. Il-membri l-oħra qablu.

Dr Monica Vella qajmet punt mill-minuti fejn talbet kjarifika għalfejn fil-minuti r-rappreżentanti tar-Reġjun qed jitniżlu bħala membri u mhux bħala sindki tal-lokalità. Dott. Samuel Azzopardi, President tar-Reġjun stqarr illi skont il-liġi, l-membri li jifformaw parti mill-Kumitat Reġjonali jkunu qed jirappreżentaw ir-Reġjun u mhux il-lokalità li ġejjin minnha. Għalhekk għandhom jitniżżlu bħala membri tar-Reġjun.

Bi qbil tal-Kumitat, il-President ħa l-okażżjoni sabiex introduċa mal-Kumitat lis-Sur Ian Paul Bajada bħala s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex.

1. **Korrispondenza**

1.1 Intbgħatet korrispondenza lis-Sur Anton Zammit mill-Ministeru għall-Għawdex fejn intalbet laqgħa sabiex ir-Reġjun Għawdex jikjarifika xi punti dwar it-twaqqif tal-*Gozo Regional Youth Council.* Hawnhekk qamet diskussjoni fuq dan is-suġġett fejn ġie maqbul li għandha tintbgħat ittra lill-Ministru għal Għawdex fejn jingħad li r-Reġjun waqt li jaqbel mat-twaqqif tal-*Gozo Regional Youth Council*, jitlob illi r-Reġjun Għawdex ikun involut direttament. Ġie maqbul ukoll li għandha tintbgħat ittra oħra lill-Ministru għal Għawdex fejn tiġi mistiedna għal-laqgħa mal-Kumitat Reġjonali sabiex ikun hemm skambju t'informazzjoni biex kemm jista' jkun ikun hemm aktar sinerġija fix-xogħol taż-żewġ entitajiet rispettivi.

1.2 Irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sur Ian Paul Bajada (3781G) bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali Għawdex b'effett mit-Tnejn 27 ta' Settembru 2010.

1.3 Irċieva n-numru t'irġiel fir-reġistru elettorali sabiex ikunu jistgħu jibbenifikaw mill-inizjattiva tad-ditta Gillette mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Peress li kien hemm xi membri li qalu li l-kunsilli rispettivi tagħhom kienu bagħtu r-risposta tagħhom, is-segretarju ġie mitlub jerġgħa jikteb lill-kunsilli t'Għawdex dwar din l-inizjattiva.

## 2. Xiri ta' Kompjuter

2.1 Is-segretarju preżenta tlett kwotazzjonijiet lill-Kumitat Reġjonali dwar xiri ta' kompjuter u printer. Il-President spjega illi dawn il-kwotazzjonijiet intalbu abbażi ta' *specifications*. Wara diskussjoni qasira ġie maqbul illi x-xiri tal-kompjuter għandu jsir mir-Right Click li kellu l-aktar offerta vantaġġjuża.

## 3. Informazzjoni dwar installazzjoni tal-windfarms u solar energy panels

3.1 Is-Sur Andrew Vella (membru) ta preżentazzjoni ta' dokument li jitratta informazzjoni dwar installazzjoni ta' *windfarms* u *solar energy panels* ġewwa Għawdex. Is-Sur Vella spjega kif il-kumpanija Franz Vieghofer qed tippreżenta diversi metodi ta' kif tista' tiġi installata sistema ta' enerġija alternattiva għall-produzzjoni tal-elettriku ġewwa Għawdex. Wara diskussjoni qasira l-President ippropona illi għandu jiġi mwaqqaf *Working Committee.* Il-Kumitat qabel u ġew nominati; Dott Samuel Azzopardi (President tar-Reġjun) u l-membri Joe Cordina, Andrew Vella, David Apap, Philip Vella, Joseph Sultana u Ian Paul Bajada (Segretarju). Is-Segretarju ġie mitlub sabiex isejjaħ l-ewwel laqgħa.

## 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Month: September /October 2010

**Schedule of Payments (Payment Vouchers)**

| No | Details | Amounts (€) | A/C No | Chq No | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 1 | Department of Information | 9.32 | | 1 | Advert on Government Gazette |
| 2 | Petty-Cash | 100.00 | | 2 | Petty-Cash |
| 3 | Relos Services | 221.75 | | 3 | Newspaper adverts - tender rent of office |
| 4 | Acting-Executive Secretary | 138.80 | | 4 | Salary July (Part-time) |
| 5 | Acting-Executive Secretary | 774.95 | | 5 | Salary August (Part-time) |
| 6 | Acting-Executive Secretary | 814.40 | | 6 | Salary September (Part-time) |

Dawn il-pagamenti ġew approvati.

## 5. Materji Oħra

5.1 Dr Samuel Azzopardi, President ressaq stedina li saritlu dwar Forum li ser isir ġewwa Toarmina nhar it-3 ta' Novembru 2010 organizzat fuq l-inizjattiva tal-proġett *Archimed* bħala parti mill-Gruppi Ewropej b'Ko-operazzjoni Territorjali. Il-President spjega kif dan il-forum jiffoka l-aktar fuq reġjuni fil-Mediterran. Wara diskussjoni qasira il-Kumitat approva din l-istedina.

5.2 Inkonnessjoni mall-iffirmar tal-*Memorandum of Understanding* tal-*European Youth Network* u d-deċiżjoni tal-Kumitat Reġjonali illi CVC studio jiġi mistieden sabiex jiġbed dan l-avveniment is-segretarju innotifika illi s'issa rċieva l-pagament ta' €233 mingħand il-Kunsill tan-Nadur sabiex ikopri dawn l-ispejjeż. Is-segretarju ntalab jerġa jibgħat *email* sabiex meta l-Kunsilli japprovaw dan il-pagament ikun jista' jgħaddi għand ir-Reġjun.

5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv intalab ukoll jikteb lid-Direttur Ġenerali għall-Informazzjoni, Gvern Lokali u l-Konsultazzjoni Pubblika rigward l-allokazzjoni tal-budget li għandu l-Kumitat Reġjonali.

5.4 Is-Joe Cordina, Membru ta spjegazzjoni qasira dwar l-*Assembly of European Regions*. Is-Sur Cordina stqarr illi wieħed għandu jesplora x'tinvolvi din l-Assemblea tar-Reġjuni li għandha rappreżentanza wiesgħa ta' Reġjuni fl-Ewropa. Sabiex isir dan is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lill- *Assembly of European Regions.*

5.5 Peress li ma kienx hemm materji oħra, l-laqgħa ntemmet fis-5.30 pm

| | |
|---|---|
| Samuel Azzopardi<br>President<br>Reġjun Għawdex | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |